KUNSILL LOKALI TAL-IMTARFA

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Imtarfa

IT-TMIEN LEĠIŻLATURA

Laqgħa Numru 29

It-Tlieta 29 ta' Settembru 2026

Il-Kunsilli Lokali tal-Imtarfa ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fit-*Town Centre*, Triq ir-Reġimenti Maltin, l-Imtarfa fis-6:30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Dale Hayman – Sindku
Len Abela Vassallo – Viċi Sindku
Simon Fenech – Kunsillier
Anton Mifsud – Kunsillier

ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Antoine Vella – Kunsillier

ASSENTI

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Shawn Tanti – Deputat Segretarju Eżekuttiv

Minuti

29.1 Qari tal-Apoloġiji

29.1.1 Is-SE informa li s-Sur-Antoine Vella talab sabiex ikun skuzat.

29.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

29.2.1 Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) preżenta l-minuti tal-laqgħa numru 28 li kienu meqjusa moqrija.

29.2.2 Il-minuti tas-seduti ġew approvati b'mod unanimu u ġew ffirmati mis-Sindku u mis-SE.

29.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku

29.3.1 Is-Sindku informa lill-Kunsill li kienu għaddejjin l-aħħar preparamenti għall-attivitajiet relatati mal-programm Milied Mtarfi. Huwa spjega li l-preparamenti kienu qed isiru sabiex l-attivitajiet ippjanati jkunu jistgħu jiġu organizzati bl-aħjar mod possibbli u sabiex ir-residenti jkunu jistgħu jipparteċipaw f'dawn l-attivitajiet matul il-perjodu tal-festi tal-Milied.

29.3.2 Is-Sindku informa lill-Kunsill li kienet ser tiġi organizzata attività ta' qtugħ taż-żebbuġ mill-iScouts. Din l-attività kienet ser tagħti opportunità liż-żgħażagħ jipparteċipaw f'inizjattiva marbuta man-natura u mat-tradizzjonijiet lokali, filwaqt li tħeġġeġ il-parteċipazzjoni attiva tagħhom fil-komunità.

29.3.3 Is-Sindku informa lill-Kunsill li kienet ser tiġi organizzata Ġurnata Sqallija fis-16 ta' Ottubru. Din l-attività kienet maħsuba sabiex toffri lir-residenti l-opportunità li japprezzaw aspetti differenti tal-kultura u t-tradizzjonijiet Sqallin, permezz ta' inizjattiva ddedikata lil din il-kultura.

29.3.4 Is-Sindku informa lill-Kunsill li l-Kunsill Lokali kien ser jieħu sehem fil-programm televiżiv Bongu Malta, li matulu kienu ser jiġu intervistati diversi persuni mill-Mtarfa fit-8 ta' Novembru. Huwa spjega li din il-parteċipazzjoni kienet ser tagħti opportunità sabiex il-lokalità u r-residenti tagħha jingħataw aktar viżibbiltà, filwaqt li jiġu ppreżentati stejjer u esperjenzi ta' persuni mill-komunità Mtarfija.

29.3.5 Is-Sindku informa lill-Kunsill li kienet ser tiġi organizzata l-Ikla tal-Komunità qrib il-Milied. Din l-attività kienet maħsuba sabiex tlaqqa' lir-residenti flimkien f'atmosfera ta' għaqda u solidarjetà, filwaqt li tkompli tissaħħaħ il-koeżjoni soċjali u r-rabta bejn il-membri tal-komunità matul iż-żmien tal-festi.

29.3.6 Is-Sindku informa lill-Kunsill li l-Kunsill kien irċieva talba sabiex il-Visitors Centre jibda jinkera għall-użu. Huwa għarraf lill-membri li din it-talba kienet teħtieġ aktar konsiderazzjoni qabel tittieħed deċiżjoni dwarha. Għaldaqstant, ġie indikat li l-Kunsill kien ser jiddiskuti t-talba f'data oħra, sabiex ikun jista' jeżamina l-possibbiltajiet u jikkunsidra l-aħjar triq 'il quddiem.

29.4 Mdina Gran Prix

29.4.1 Is-Sindku ppropona li għas-sena d-dieħla, il-Kunsill Lokali tal-Imtarfa joġġezzjona li l-Gran Prix jerġa' jsir fil-post indikat. Huwa spjega li, minħabba l-organizzazzjoni ta' din l-attività, l-aċċess għall-Imtarfa, kemm id-dħul kif ukoll il-ħruġ mil-lokalità, ikun limitat b'mod konsiderevoli, u dan jista' joħloq diffikultajiet għar-residenti u għal min ikollu bżonn jidħol jew joħroġ mill-Imtarfa.

Is-Sindku żied jgħid li l-Kunsill Lokali għandu joħroġ stqarrija uffiċjali sabiex jesprimi u jsostni l-pożizzjoni tiegħu dwar din il-kwistjoni, filwaqt li jenfasizza l-importanza li jiġu kkunsidrati l-aċċessibbiltà tal-lokalità u l-interessi tar-residenti.

29.5 Progetti

29.5.1 Is-Sindku spjega li l-proġett fiż-żona ta' Depiro kien miexi sew. Huwa informa lill-Kunsill li żewġ spazji għall-parkeġġ kienu ser jiġu kkonvertiti f'parkeġġi b'limitu ta' ħames minuti (*5-minute parking*), filwaqt li assigura li ma kien ser jintilef l-ebda spazju għall-parkeġġ bħala riżultat ta' dawn il-bidliet.

Fir-rigward tal-proġett tal-Barracks, is-Sindku spjega li x-xogħlijiet kienu ltaqgħu ma' xi diffikultajiet waqt l-eżekuzzjoni, u dan wassal għal ċertu dewmien fil-progress tal-proġett.

Is-Sindku informa wkoll lill-Kunsill li kien previst li jsir ir-restawr ta' San Nikola, bħala parti mill-ħidma sabiex jiġi ppreservat il-patrimonju storiku u kulturali tal-lokalità.

29.6 Skejjel Godda

29.6.1 Is-Sindku ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill għall-problema ta' vetturi li qed jieqfu quddiem l-iskola, b'tali mod li qed jostakolaw il-fluss tat-traffiku u joħolqu diffikultajiet fiż-żona. Fid-dawl ta' din is-sitwazzjoni, is-Sindku talab li tiġi organizzata laqgħa mal-amministrazzjoni tal-iskola u mar-rappreżentanti ta' Transport Malta, sabiex il-kwistjoni tiġi diskussa u jiġu kkunsidrati soluzzjonijiet xierqa biex titjieb is-sitwazzjoni tat-traffiku u tiġi żgurata aktar sigurtà fl-inħawi tal-iskola.

29.7 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

29.7.1 Il-Kunsill approva l-lista tal-pagamenti (Skeda Nru. 28/2026), kopja tagħha meħ Kunsillier Vella propona l-approvazzjoni filwaqt li l-Kunsillier Fenech isse għaldaqstant il-lista tal-pagamenti ġiet iffimata mis-Sindku u mis-SE.

29.8 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

29.8.1 Il-laqgħa ntemmet fid-7:30pm u kien hemm qbil li s-seduta li jmiss tinżamm nhar Erbgha 28 ta' Ottubru 2026

Dale Hayman
Sindku
Eżekuttiv

Shawn Tanti
Aġent Segretarju